10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 16**

**4 ta' Frar 2025**

Il-laqgħa numru 16 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-13 ta' Jannar 2025 fil-16.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd imma l-viċi sindku informa li kien ser ikun ftit tard

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

Is-Sa Lorna Sultana — Accountant

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

### 2.1 Korrezzjonijiet

Karl Carabott, xtaq li titneħħa l-kelma unanimament peress li hu ma jiffirmax l-iskeda tal-pagamenti. Is-Segretarju spjegat li l-pagamenti jiġu approvati mill-kunsilliera meta ħadd qatt minnhom ma jgħid sabiex ma nħallsux xi items partikolari. Imbagħad 2 mill-kunsilliera jiffirmaw bħala proponent u sekondant.

### 2.2 Noti fuq il-minuti

Is-sindku informa li ser issir il-laqgħa pubblika nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar 2025 fil 17.00. Post l-Aġenzija Żgħażagħ.

2.4.2 Tender fuq il-latrina tal-ġnien Romeo Romano is-segratraju kellha laqgħa mal-perit sabiex dan jerġa' jdur it-tender u jiġi simplifikat.

2.4.5 Is-Sindku informa li xi ħadd għamel un/loading bay mingħajr permess. Din tneħħiet mill-ħaddiem tal-kunsill flimkien mal-pulizija.

2.4.7 Dan ma ġiex aċċettat

2.4.8 Is-Sindku informa li qed jistenna l-isketch. Malli din tkun għanda nibgħatuha lil kunsilliera kollha

2.4.9 Is-sindku informa li għandu meeting nhar il-5 ta' Frar

2.4.10 Intlaħaq ftehim fuq data u ħin għal laqgħa pubblika li ser issir fit-13 ta' Frar 2025. Qed nistennew risposta fuq post fejn din tista' issir.

2.4.11 Ix-xogħol mixi tajjeb ħafna

2.4.14 Ser inkunu qed nibgħatu l-contracts manager

2.10 l-Intervista saret u bord sab li l-applikant ma kellux il-kriterji meħtieġa għal din is-sejħa għalhekk ma kienx eliġibbli

## 3 Approvazzjoni u Diskussjoni Statement Finanzjarju Q4 u Unaudited Financial Statements

L-accountant ġiet mistiedna tidħol għal laqgħa u tispjega dawn ir-rapporti li kienu intbagħtu lil-kunsilliera b'email minn qabel. L-accountant qalet li telf tal-kunsill niżel minn 228K fis-sena 2023 għal 222K għas-sena 2024. Roberta staqsiet hekk instabitx soluzzjoni għal deferred income li kienu issemmew qabel. L-accountant qalet li ma rċivejniex risposti biżżejjed, u għaldaqstant ser nitkellmu mal-awdituri sabiex jiġu allokati taħt funds.

L-accountant spjegat li fit-2024, kienet żdiedet ftit l-allokazzjoni kif ukoll kien hemm ħafna aktar skemi u għalhekk naqas it-telf. L-ispejjeż baqgħu l-istess. F'paġni 15, 16, 17 l-accountant spjegat li minn din is-sena l-flus tal-allocation ma tkoprix il-flus tal-waste disposal u tipping fees li kienu sejrin direttament għand ir-reġjun.

Hekk kif kien spjegat f'paġna 16 l-ispejjeż kbar jammontaw apparti l-waste, fl-istreet cleaning u l-bozoz. Dan għaliex l-istreet cleaning beda mit-tieni nofs tas-sena 2024. F'paġna 3 fil-figura ta Euro 461,306 għada qed tidher il-figura ta' deferred income ta' 200K li ma ġietx allokata. L-FSI qiegħed tajjeb ta' 12%. Dan ġie approvat.

4 **Approvazzjoni tal-ħlas għal-Bus Shelter**

Is-Sindku preżenta 2 kontijiet wieħed li preżenta l-kuntrattur ta' madwar 21K u l-ieħor li ta' stima il-perit tal-kunsill wara li intalab sabiex jiċċertifika xogħol. Roberta saqsiet għala kien hemm din id-differenza u is-sindku wieġeb li tender kien ħareġ għal madwar 18K, u wara xogħol il-perit ma kienx f'pożizzjoni li jiċċertifika x-xogħol, imma ħareġ stima tax-xogħol li kien sar. Hawnhekk inqrat l-email li bagħat il-perit. Silvio qal li ħadd ma kien infurmat li kellha titqatta' l-bankina hemm u Karl qal li dak il-bus shelter qatt ma missu weħel ma faċċata skedata.

Is-Sindku qal li l-kunsill irid jieħu deċiżjoni fuq liema kont ser jitħallas peress li xogħol kien sar. Silvio qal li la ix-xogħol ma sarx kif kien fit-tender, ix-xogħol ma jitħallasx. Roberta staqsiet hekk jistax jiġi bħal bus shelters l-oħra u l-Viċi Sindku qal li hemmhekk ma kienx joqgħod bus shelter normali. Il-viċi sindku qal ukoll li mhux jaqbel ma dan li qed jippreżenta l-perit għax it-tender ħareġ fuq il-financial sum li qal il-perit qabel it-tender. Karl saqsa hekk il-perit ġiex jara xogħol u hekk le ala.

Is-Sindku qal li mid-dokumenti estratti mill-epps, u mill-kummenti tal-perit, id-disinn kien inbidel. Stephen qal li meta hu kellu meetings mal-kuntrattur dan ġie diskuss u minħabba f'hekk il-kuntrattur kellu jinżel bejn 1K u 2K mill-prezz. Is-Sindku qal ukoll li instabet quote ta madwar 1K li din qatt ma kienet ittellgħet fuq il-mejda tal-kunsill. Il-Viċi sindku qal li dan ġara għaliex kien hemm deċiżjoni li jsir kollox b'tender u għalhekk ma kienx hemm għalfejn li din il-quote titla' kunsill.

Darren saqsa hekk meta kien qed isir ix-xogħol iffirmax xi ħadd għal dak ix-xogħol li sar. Filwaqt li Silvio ġibed l-attenzjoni li l-perit ma jistax jiċċertifika xogħol li ma jaqbilx mad-disinn li għamel hu, u li nbidel mingħajr approvazzjoni. Qal ukoll li il-kuntrattur ħa tender, għamel

xogħol u dan ix-xogħol ma jaqbilx ma dak li kien hemm fit-tender. Roberta qalet li l-kuntrattur ma żammx mal-obligi tat-tender.

Stephen irrimarka li xogħol kien sar u għalhekk ma jistax ma jitħallasx. Id-disinn kien il-problema. Roberta staqsiet għaliex inbidel id-disinn u l-viċi sindku irrisponda li ma kienx hemm komunikazzjoni tajba bejn il-perit u l-kuntrattur. Silvio qal li l-perit ma kellux x'jaqsam fil-bdil tal-pjanta għax dan sabu lest, il-kuntrattur ġie u waħħlu fuq il-post.

Darren qal li għanda ssir laqgħa mal-kuntrattur u l-perit fejn il-kuntrattur jirrispondi għad domanda li hekk kellu pjanta mod, għala għamel mod ieħor. Stephen reġa' tenna li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-kuntrattur u l-perit.

Għalhekk il-kunsill qabel li ssir laqgħa b'urġenza nhar is-17 ta' Frar fl-16.30 mal-perit sabiex dan jagħti l-fatti minn naħa tiegħu u jkun jista' jwieġeb għal mistoqsijiet kollha. Wara tissejjaħ laqgħa oħra fil 17.45 mal-kuntrattur sabiex il-kunsill ikun jista' jistaqsi u jitkellem fuq dak li kien ġara.

## 5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 430A, 430B/C u petty cash

Joe Vella saqsa għal l-pagi kienu inġabru kollha f'daqqa f'item 1188. Is-sindku wieġeb li ma kienx hemm spjegazzjoni u kien sar hekk mingħajr intenzjoni. Joe qal ukoll li qed ikun hemm ħafna ħsarat fuq il-vann tal-kunsill u għaldaqstant wasal iż-żmien li jinbidel. Is-sindku qabel u qal li ser ikun qed jara xi ħaġa second hand.

L-iskeda tal-pagament 430A ġiet approvata. Bil-proponent ikun Silvio Vella u Sekondant Darren Grech.

## 6 Komunikazzjoni mis-sindku

6.1 Ser issir laqgħa pubblika nhar is-6 ta' Frar fil 17.00 fuq Cassar Petrol Station fis-sala Skuba Aġenzija Żgħażagħ.

6.2 Għal kompetizzjoni tal-karnival, is-sindku qed jinnomina bħala ġurija lill:

- Dario Bezzina
- Mario Coleiro
- TheresAnne Cachia

Fuq dan kien hemm qbil unanimament.

6.3 Laqgħa Pubblika – Traffic Management Triq San Gorg u l-akwati

Qed issir proposta li issir laqgħa pubblika fuq l-istudju li kien sar sabiex ikun hemm traffic management ġdid fi Triq San Gorg u l-akwati. Din ser tkun nhar it-13 ta' Frar fil-17.30 bħalissa qed nistennew risposta għal venue.

6.4 Avvenimenti fi Ġnien Romeo Romano

Is-Sindku informa li kien hemm 2 talbiet għal użu tal-ġnien. Waħda għal birthday party l-aħħar ta' Frar u l-oħra għal tieġ żgħir fil-21 ta' Ġunju bejn il-11.00 u 13.00. Il-kunsill qabel li dawn isiru b'dawn il-kundizzjonijiet:

- Il-Ġnien jitħalla kif kien
- Il-Ġnien jinżamm nadif u mingħajr l-ebda ħsarat
- Ma jistgħux jitqabbad nar
- Il-persuna trid iġġib il-faċilitajiet sanitarji neċessarji li hemm bżonn
- Ħlas tas-servizz ta' mill-inqas Euro 100
- Insurance

Hawnhekk issemmiet l-issue tad-devoluzzjoni tal-parti l-antika tal-ġnien li għanda tiġi diskussa f'laqgħat oħra. L-ikbar issues fuq id-devoluzzjoni huma li bl-allokazzjoni l-kunsill ma jistax iżomm dak il-ġnien fi stat tajjeb ħafna.

6.5 Meeting fuq traffic management ta' Triq il-Kbira San Gużepp

Is-Sindku spjega li Transport Malta għamlet studju fuq hekk Triq il-Kbira San Guzepp tikkwalifikax għal speed camera. Kien hemm speed takings u ħadu ukoll konsiderazzjoni tar-rapporti tal-aċċidenti li saru l-għassa tal-Ħamrun. Saru 2 assessments wieħed wara nofsinhar u l-ieħor filgħaxija fuq speed ta' 100 karozza. Is-Sindku qal li Triq il-Kbira San Guzepp ma' tikkwalifikax għal kamera, imma TM qed tissuġġerixxi dawn il-calming measures:

- Raised pelican crossing
- Tabelli b'ispeed limit
- Speed roundels impinġija tul it-triq kollha
- Slow Signs every 25m
- Spring back bollards fin-nofs tat-triq

Ir-Rapport jindika ukoll is-siġra ta' Quddiem il-knisja kienet qed tostakola l-viżjoni tat-traffic lights. Minn dak in-nhar tar-rapport is-siġra bdiet tinżabar b'mod li l-traffic lights jibqgħu viżibbli. Joe irrimarka li survey seta' sar iktar tard bħala ħin għax l-inċidenti isiru tard bil-lejl mhux wara nofsinhar u filgħaxija. Is-Sindku qabel imma qal li alissa qed jipproponi li l-kunsill jimxi ma dawn il-proposti sabiex naraw jaħdmux. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

## 7 Talba Mill-parroċċa

Is-Sindku informa li l-parroċċa bħal kull sena għamlet talba sabiex il-kunsill ikun qed jikkollabora fuq id-dramm li jsir ta' kull sena. Din is-sena d-dramm ser isir is-sibt 12 ta' April fis-19.30.

Fuq din kien hemm qbil unanimu.

**8 Skema Reġjun Nofsinhar – Għajnuna Finanzjarja Ġimgħa Mqaddsa 2025**

Is-Sindku informa li ir-Reġjun Nofsinhar ħareġ skema ta' għajnuna finanzjarja għal attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa 2025. Din l-iskema hi ta' Euro 800. Il-Kunsill qabel li dawn il-flus jiġu allokati fuq id-dramm tal-kappillan kif ukoll mixegħla għal l-attivita' li ser issir għas-sebgħa visti.

**9 Talba Mill-Klabb tal-Boċċi**

Is-sindku informa li l-kunsill irċieva talba sabiex jikri spazju ta 2m x 1m għal 500Euro fis-sena sabiex jirreklama fil-klabb tal-boċċi għal perjodu ta' 3 snin.

Il-kunsill qabel ma din it-talba.

**10 Ilmenti**

Kien hemm talba fi Triq il-batterija fit-tarf ma Triq il-Palazz l-Aħmar għal tabella *Respect Parking of Neighbourhood Do not obstruct Garages* fi Triq il-Batterija ma Triq il-Palazz l-Aħmar. Il-Kunsill qabel ma dan.

Kien hemm talba sabiex issir parking bay bajda fi Triq San Gorg quddiem residenza Pancy għaliex mhumiex qed jiddaħħlu vetturi. Il-kunsill qabel li jintbagħat il-contracts manager sabiex jivverifika.

Is-sindku qal li kien hemm suġġeriment ftit tal-laqgħat ilu sabiex tittaffa l-problema tas-sewqan eċċessiv fi Triq il-Palazz l-aħmar. Għaldaqstant hu kien qed jippreżenta pjanta li bagħat il-contracts manager. Il-viċi sindku qal li l-garaxxijiet li hemm quddiem il-parking li qed jiġi propost mhux ħa jkunu jistgħu joħorġu komdi u għalhekk hu qed jagħżel li jastjeni minn din id-deċiżjoni. Karl qabel li din il-proposta issir sakemm ma jiġux ostakolati il-garaxxijiet. Roberta irrimarkat li mid-driveway il-fuq it-triq kienet one way.

**11 Bord ta' Evalwazzjoni għas-sejħa ta' Assistent Prinċipal**

Is-Sindku qal li wara li ma kellnix aktar applikazzjonijiet interni, din is-sejħa kellha tgħaddi f'idejn il-jobs plus. Bil-bord tal-għażliet jibqa' dak li kien.

- Karl Carabott – Kunsillier
- Duncan Hall
- Elaine Caruana

Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**12 Skema għal għaqdiet**

Din l-iskema ġiet diskussa bejn il-partijiet kollha u ser isiru it-tibdiliet meħtieġa. Is-Sindku qal ukoll li bħala evalwaturi hu kien qed jipproponi lil:

- Gabriel Sciberras
- Christian Micallef
- Stanley Spiteri
- U Segretarju Eżekuttiv

**13 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-18.45hrs u laqgħa li jmiss ser issir fil-10 ta' Marzu fil-1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

Iffirmat

Gianluca Falzon

Sindku

Iffirmat

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv